# Il-Qima lejn Sant'Andrija f'Malta





Kitba ta' Daniel Vella

Fost il-kitbiet tiegħi f'dan il-ktieb li toħroġ is-Soċjetà fil-festa tas-Salvatur, ktibt dwar id-devozzjoni lejn Sant'Andrija madwar id-dinja tagħna. Din is-sena ser nikteb dwar l-istess devozzjoni iżda dik li hija mifruxa madwar il-Gżira tagħna. Il-kitba ser tkun maqsuma f'diversi taqsimiet. Dan peress li ser nagħti ħarsa lejn dawk il-knejjes u l-kappelli ddedikati lil dan il-Qaddis, kif ukoll Każini li għandhom l-isem tagħhom għal dan il-Qaddis Martri.

M'hemmx dubju iżda li l-qima lejn Sant'Andrija Appostlu hija qawwija ħafna l-aktar f'Ħal Luqa. Għalhekk din sena, il-kitba tiegħi ser tkun dwar dan ir-raħal.



Ħal Luqa hu raħal li jinsab fil-Lbiċ ta' Malta. Huwa belt qadima tipika tal-Gżejjer Maltin, sar popolari u magħruf għall-ajruport. Jinsab 4 mili 'l bogħod mill-Belt Valletta. Fir-raħal insibu knisja li tiddomina l-pjazza ewlenija ddedikata lil Sant'Andrija. Il-festa tradizzjonali ta' Sant'Andrija tiġi ċċelebrata fl-ewwel Ħadd ta' Lulju, imma l-festa liturġika tiġi ċċelebrata fit-30 ta' Novembru. Interessanti li l-inventur famuż tal-arloġġi Michelangelo Sapiano (1826-1912) kien jgħix f'Ħal Luqa. Bena diversi arloġġi; l-arloġġ tal-Knisja Parrokkjali huwa wieħed mill-bosta xogħlijiet tiegħu. Id-dar f'Ħal Luqa fejn kien jgħix tinsab fi Triq Pawlu Magri.

Barra l-knisja Parrokkjali, bħal f'kull raħal Malti u Għawdxi, f'Ħal Luqa nsibu bosta knejjes u kappelli ħelwin. Dawn huma l-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, il-Kappella ta' San Ġakbu, il-Kappella ta' Santa Marija tal-Ftajjar u l-Kappella tal-Vitorja f'Ħal Farruġ.

Dwar l-istorja tal-Knisja Parrokkjali ta'dan ir-raħal insibu li fl-1497 f'Ħal Luqa ġa kien hemm kappella ddedikata lil Sant'Andrija. Flok din il-kappella, fis-snin bejn l-1539 u l-1542 inbniet knisja li mbagħad saret parroċċa fil-15 ta' Mejju 1634. Ftit wara, bit-tħabrik tal-ewwel Kappillan, inbniet knisja ġdida li tlestiet fl-1686. Bejn is-snin 1693 u 1737 inbena kor ġdid u faċċata ġdida b'żewġ kampnari, u fis-7 ta' Diċembru 1783 il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Labini. Bejn is-snin 1901 u 1910 żdidulha n-navi, iżda mbagħad fid-9 t'April 1942 il-knisja ġġarrfet bil-bombi u nbniet mill-ġdid ikbar u isbaħ bejn is-snin 1945 u 1954 u ġiet ikkonsagrata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fis-26 ta' Settembru 1962.

Fl-istorja ta'din il-knisja ta' Ħal Luqa nsibu li matul is-snin akkumulat diversi oġġetti sagri bħal: pitturi, statwi, paramenti sagri u fided fost ħafna oħrajn. Fuq kollox iżda f'din il-knisja tispikka ħafna l-istatwa meraviljuża ta' Sant'Andrija Patrun Titulari, u li ġiet imnaqqxa fl-injam mill-iskultur Ġużeppi Scolaro fl-1779 fuq disinn tal-Maestro Ġużeppi Bonnici. Din l-istatwa artistika li tinħareġ f'jum il-festa filgħaxija fl-ewwel Ħadd ta' Lulju turi lill-Qaddis Sant'Andrija jħaddan is-salib.

Il-festa liturġika ta' Sant'Andrija Appostlu tiġi ċċelebrata madwar id-dinja kollha nhar it-30 ta' Novembru. Interessanti iżda li ġewwa Ħal Luqa fl-ewwel snin mit-twaqqif tal-Parroċċa, il-festa ta' Sant'Andrija kienet issir fuq ġewwa biss. Din kienet tikkonsisti billi lejliet il-festa kien jitkanta l-ewwel għasar filwaqt li nhar il-festa filgħodu kienet issir il-quddiesa kantata bil-paniġierku u filgħaxija kien jitkanta it-tieni għasar. Aktar ma beda jgħaddi ż-żmien, aktar bdiet tikber il-festa. Saħansitra bdiet toħroġ purċissjoni bir-relikwa tal-Qaddis Patrun mill-1729. Meta tlestiet il-vara titulari din bdiet takkumpanja l-purċissjoni solenni nhar il-festa. Mat-twaqqif tal-baned lokali,



il-festa kompliet tikber aktar minn qatt qabel, sakemm illum il-ġurnata l-festa titulari ta' Sant'Andrija tiġi ċċelebrata bl-akbar pompa nhar l-ewwel Ħadd ta' Lulju.

Is-sena dieħla dan l-artiklu ser ikompli permezz tal-informazzjoni dwar il-Każini tal-Baned ta' Ħal Luqa li huma ta' xhieda ħajja fil-festa li issir ad unur dan il-Qaddis Patrun SANT'ANDRIJA.

IL-FESTA T-TAJBA ĦBIEB!

HORACE ENTERPRISES LTD. Trophies & Sports Goods
Importer & Wholesaler




Triq Raymond Caruana, Gudja
Tel: 2169 6302 Mob: 9942 0346
Fax: 2169 3397
e-mail: horaceenltd@link.net.mt